MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 616/2005

**Walter Massa**

**vs**

**John Debattista u Paul Debattista**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-16 ta' Gunju 2005 li bih ir-rikorrenti Walter Massa talab illi
l-qorti tordna illi jitmexxew proceduri kontra l-intimati ghal disprezz lejn l-awtorità taghha wara li l-istess intimati ghamlu xoghol li kien mizmum milli jaghmlu b'mandat ta' inibizzjoni numru 2140/04;

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni, it-twegiba ta' l-intimati;

Rat id-digriet precedenti ta' din il-Qorti tat-13 ta' Gunju, 2005;

Rat l-art. 1003A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illukksidrat, illi ma hux kompitu ta’ din il-Qorti, f’dawn il-proceduri, tiddeciedi jekk, bhala fatt, kienx hemm “kunsens espress” da parti tar-rikorrenti biex jitkomplew ix-xogholijiet, ghax din hija materja li trid tigi mistharga mill-Qorti li jkollha l-kompitu li tistharreg din il-materja fi proceduri appositi. Ir-rikorrenti qed jichad li qatt ta’ dan il-kunsens, u mhux insolitu li meta persuna tobbliga ruha li tittrasferixxi proprjeta’ fuq konwenju, zzomm l-pussess esklussiv tal-proprjeta’ sakemm isir l-att finali; il-pretensjoni tar-rikorrenti mhix, ghalhekk, daqshekk, inverosimili li ma tistax tigi accettata;

Billi, mill-bqija, *prima facie* jidher illi l-intimati komplew bix-xoghlijiet li
kienu mizmuma milli jaghmlu wara illi kienu notifikati bil-kopja tal-mandat ta’ inibizzjoni, tirrevoak ‘contrario imperio’ id-digriet precedenti taghha tat-13 ta’ Gunju, 2005, u tordna lir-registratur jibda kontra lintimati l-procedimenti mehtiega minhabba disprezz lejn lawtorità tal-qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------